16.9.2020

B9-0257/2020 }
B9-0259/2020 }
B9-0261/2020 }
B9-0265/2020 }
B9-0269/2020 } RC1/Em. 1

**Emenda 1**
**Kateřina Konečná**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, GUE/NGL, Renew, S&D, Verts/ALE**
COVID-19: Koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-saħħa u tal-klassifikazzjoni tar-riskji fl-UE u l-konsegwenzi għaż-żona Schengen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jenfasizza li l-ECDC qed jagħmel xogħol imprezzabbli u għandu jingħata aktar riżorsi immedjatament, inkluż aktar persunal permanenti, biex ikompli l-ħidma tiegħu dwar il-COVID-19 filwaqt li jkun jista' jkompli u jerġa' jibda l-ħidma tiegħu fuq mard ieħor; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mandat rivedut għall-ECDC biex jiżdiedu b'mod sinifikanti l-baġit fit-tul, il-persunal u l-kompetenzi tiegħu, sabiex ikun jista' jipprovdi protezzjoni tas-saħħa pubblika fost l-aqwa fid-dinja f'kull mument, inkluż matul l-epidemiji;*** |

Or. en

16.9.2020

B9-0257/2020 }
B9-0259/2020 }
B9-0261/2020 }
B9-0265/2020 }
B9-0269/2020 } RC1/Em. 2

**Emenda 2**
**Kateřina Konečná**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, GUE/NGL, Renew, S&D, Verts/ALE**
COVID-19: Koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-saħħa u tal-klassifikazzjoni tar-riskji fl-UE u l-konsegwenzi għaż-żona Schengen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 27a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***27a. Itenni t-talba tiegħu għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri kollha adottati abbażi tal-ġbir ta' data personali, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet jinfurzaw b'mod adegwat ir-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data;*** |

Or. en

16.9.2020

B9-0257/2020 }
B9-0259/2020 }
B9-0261/2020 }
B9-0265/2020 }
B9-0269/2020 } RC1/Em. 3

**Emenda 3**
**Kateřina Konečná**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, GUE/NGL, Renew, S&D, Verts/ALE**
COVID-19: Koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-saħħa u tal-klassifikazzjoni tar-riskji fl-UE u l-konsegwenzi għaż-żona Schengen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Jinsisti li kwalunkwe miżura li tillimita l-privatezza u l-protezzjoni tad-data tagħna trid tkun legali, effikaċi fl-indirizzar tar-riskju għall-ħajja u s-saħħa pubblika, strettament proporzjonata u użata biss għal skopijiet ta' saħħa pubblika, u soġġetta għal limiti ta' żmien stretti; jisħaq li l-inizjattivi ta' emerġenza m'għandhomx iwasslu għal sorveljanza tal-massa wara li tgħaddi l-kriżi u jitlob garanziji f'dan ir-rigward;*** |

Or. en

16.9.2020

B9-0257/2020 }
B9-0259/2020 }
B9-0261/2020 }
B9-0265/2020 }
B9-0269/2020 } RC1/Em. 4

**Emenda 4**
**Kateřina Konečná**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, GUE/NGL, Renew, S&D, Verts/ALE**
COVID-19: Koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-saħħa u tal-klassifikazzjoni tar-riskji fl-UE u l-konsegwenzi għaż-żona Schengen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 31**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 31. Jinsisti li l-formola għal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri u l-użu tagħha trid tkun konsistenti bis-sħiħ mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, partikolarment l-integrità u l-kunfidenzjalità; jinsisti li d-data rreġistrata għandha tintuża biss għat-traċċar tal-kuntatti tal-COVID-19 u għall-ebda skop ieħor, bi qbil mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaġġornaw il-leġiżlazzjoni rilevanti tagħhom skont il-bżonn; | 31. Jinsisti li ***kull ġbir u pproċessar tad-data, inkluża*** l-formola għal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri u l-użu tagħha***,*** trid tkun konsistenti bis-sħiħ mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, partikolarment l-integrità u l-kunfidenzjalità; jinsisti li d-data rreġistrata għandha tintuża biss għat-traċċar tal-kuntatti tal-COVID-19 u għall-ebda skop ieħor, bi qbil mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaġġornaw il-leġiżlazzjoni rilevanti tagħhom skont il-bżonn; |

Or. en

**Emenda 5**
**Kateřina Konečná**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, GUE/NGL, Renew, S&D, Verts/ALE**
COVID-19: Koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-saħħa u tal-klassifikazzjoni tar-riskji fl-UE u l-konsegwenzi għaż-żona Schengen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 53a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***53a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq il-wegħda ta' aċċess universali għal vaċċin effikaċi u sikur u tirrinunzja għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, filwaqt li tagħmel vaċċin tal-COVID-19 futur beni pubbliku u tiggarantixxi d-Dritt għall-Kura u tqiegħed is-saħħa pubblika qabel il-profitti privati;*** |

Or. en